MALTA

# COURT OF CRIMINAL APPEAL

## THE HON. MR. JUSTICE MICHAEL MALLIA

Sitting of the 24 th January, 2013

Criminal Appeal Number. 279/2011

**Appell Nru. 279/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Fabian Fleri)**
**Vs**
**Dolores Cutajar**

**Illum 24 ta' Jannar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti [detentrici tal-karta tal-identita` numru 442871 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

fil-21 ta' Frar, 2009, ghal habta ta' bejn 15:00hrs u 15:30hrs, gewwa 272, Triq iz-Zewg Mini, Isla, volontarjament hebbet ghal persuna ta' Amy Bartolo ta' 15 il-sena li hija bintha u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt liema delitt ta' ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbiet ghall-persuna ta' Amy Bartolo ta' 15 il-sena, li hija bintha b'oggett iebes u cioe' lasta tal-hadid u kkagunatielha griehi ta' natura hafifa skond ma iccertifikat Dr.Camilleri mill-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, gabet ruhha b'tali mod li kkagunat lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza, meta hi kienet taf jew missa kienet taf li, b'tali mgieba taghha, ser tikkaguna lil haddiehor biza'

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt li kellha il-jedd li twiddeb harget barra mill-qies.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Gunju, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 221, 338(dd) u 339(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma sabitx lill-appellanti hatja tat-tielet imputazzjoni u lliberatha minnha, sabitha hatja ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu22 tal-Kapitolu 446 illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar u kkundannatha thallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' €92.57 rapprezentanti spejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta' esperti, l-hlas ghandu jsir fi zmien xahar.

Il-Qorti spjegat lill-appellanti fi klien ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-23 ta' Gunju, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberatha u tibdilha fejn sabitha hatja ta' tentattiv ta' ferita gravi u minn din l-akkuza tilliberaha u minflok tirriduci d-dikjarazzjoni ta' htija ghal ferita hafifa u di poco momento li tassorbi fiha wkoll il-kontravenzjoni illi eccediet fid-dixxiplina ma'

bintha, u l-kontravenzjoni tal-hebb, jew issibha minflok hatja tal-eccess ta' dixxiplina li jinkorpora l-ferita hafifa u di poco momento u l-hebb u tirrevokaha billi tilliberaha mill-kontravenzjoni tal-ksur tal-paci pubblika, u konsegwentement tadegwa l-piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti:-
1. Ghalkemm l-Ewwel Qorti kienet hanina u ttrattat fic-cirkostanzi bl-ahjar mod lill-esponenti pero` mill-aspett legali fuq it-tentattiv ta' ferita gravi, l-punti legali kienu zbaljati u l-esponenti ma setghetx tinstab hatja ta' tentattiv ta' ferita gravi. Mix-xhieda u mill-espert irrizulta illi kienet ferita hafifa u di poco momento.

Ghandu jinghad bhala punt legali illi t-tentattiv jibqa` tentattiv sakemm xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-hati twaqqaf l-esekuzzjoni tar-reat. F'dan il-kaz ma kien hemm xejn illi wera illi l-esponenti m'ghamlitx ferita gravi ghax, nghidu ahna, dahal xi hadd fin-nofs u zammilha jdejha jew hadilha l-lasta li kellha f-idejha. L-omm waqfet ghax riedet hi. Kif qalet fl-istatement taghha meta semghet lit-tifla z-zghira titkellem waqfet di propria volonta`.

Jekk wiehed jara l-istess Kodici (Art 41(1)(b)) jsib illi hemm id-dezistenza volontarja anke kieku kien hemm l-intenzjoni ta' ferita gravi ghaliex id-dezistenza volontarja hija dik illi persuna tigi f'sensiha u tiddeciedi illi tieqaf mill-azzjoni kriminuza li tkun qed taghmel u l-ligi tghid illi tirrispondi biss ghal dak li fil-fatt tkun ghamlet sa dak il-punt.

Jekk ma tkun ghamlet l-ebda reat, allura ma tkunx hatja la tar-reat komplet u lanqas tar-reat fit-tentattiv.

Anke fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell Repubblika v Dominic Briffa, citata mill-Ewwel Qorti, f'pagna 21 taghha

jinghad li hemm possibilita` ta' tentattiv ta' offiza gravi imma f'parentesi tghid ukoll "(u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv)".

Ghalhekk l-Ewwel Qorti legalment kienet korretta meta qalet li t-tentattiv ta' ferita gravi hu possibbli, imma kienet zbaljata meta qalet illi l-intenzjoni kienet bizzejjed stabbilita li kien hemm intenzjoni ta' ferita gravi.  Barra l-intenzjoni jrid ikun hemm il-fatt materjali wkoll u l-agir tal-persuna jekk tkun waqfet volontarjament ma tistax tghid illi gie mwaqqaf b'xi haga accidentali u indipendenti m ill-volonta` tal-hati.

2. L-istess argument imbaghad jinghad fuq it-tentattiv ta' ferita gravi u dana b'enfasi fuq l-ipotesijiet tal-ferita gravi.  L-artikolu 216 jispjega kif il-ferita tigi kwalifikata bhala gravi.  Fl-ebda mument ma kien hemm xi allegazzjoni illi l-esponenti, per ezempju, sawtet lit-tifla bil-lasta fuq rasha u allura setghet gabet xi periklu imsemmi fl-artikolu 216(1)(a).  Lanqas tatha daqqiet biha fil-parti ta' quddiem tal-persuna taghha.  Allura lanqas jista` illi ggib mankament jew sfregju fil-wicc li fil-fatt ma kienx hemm.  Il-216(1)(c) l-istrument li ntuza certament ma kienx hemm l-ebda daqqa illi ppruvat tidhol f'xi kavita tal-gisem.  216(1)(d) lanqas kien hemm xi marda li gabet iktar minn tletin gurnata biex tfiq u skont l-artikolu 216(1)(e) din ix-xebba ghax Alla hanin, ma kinitx mara tqila.

Mela qabel wiehed jitkellem fuq il-ferita gravi u t-tentattiv, irid jara jekk dak illi fil-fatt gara setax jikkawza xi wahda minn dawn l-ipotesijiet.  Ghaliex skont il-gurisprudenza dejjem jinghad illi l-mezz illi jkun intuza, kif ikunu moghtija d-daqqiet, fuq liema parti tal-gisem ikunu moghtijin jindikaw ukoll l-intenzjoni tat-tip tal-ferita.

L-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza "Il-Pulizija kontra Carmelo Sant" moghtija mill-Imhallef Vincent DeGaetano bhala Qorti tal-Appell fejn kien spjega dawn iz-zewg elementi flimkien.  F'dak il-kaz Carmelo Sant kellu tornavit f'idejh u beda jhebb ghal persuna ohra.  L-Ewwel Qorti ssabet illi kellu intenzjoni illi jaghmel ferita gravi ghax "kieku laqtu b'dak it-tornavit, kien jikkawzalu

penetrazzjoni2. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet illi kieku ma jezistix u wiehed irid imur fuq il-fatti proprji.

3. Il-Qorti kienet legalment zbaljata fuq l-akkuza tal-ksur tal-paci pubblika. Kollox sar fid-dar u ghalhekk ma hemmx l-element tal-pubbliku.
4. Il-Qorti kienet legalment zbaljata dwar il-hebb bhala reat a se stante. Dan kien reat kompriz u involut, anke kif sabet l-istess Qorti bhala htija.
5. Il-Perit nominat mill-Qorti kklassifika l-ferita bhala hfief, u zied ukoll li kienu di poco momento. Din hi figura wkoll fil-ligi taghna. U din kienet tirrizulta ghax ghandha effetti differenti minn ferita hafifa. Ghalhekk il-Qorti setghet tiddikjara li kien hemm ferita hafifa u ta' ftit kont, u mhux semplicement li kien hemm ferita hafifa.
6. Il-kontravenzjoni tal-eccess ta' dixxiplina kien ukoll kompriz fir-reat tal-ferita hafifa (u di poco momento). Fil-fatt l-esponenti ssostni, li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, accettati bhala fatti mill-Ewwel Qorti, aktar kien il-kaz li kien hemm din il-kontravenzjoni, u l-eccess kien jikkonsisti fil-ferita hafifa u di poco momento.

Ikkunsidrat :

Dwar il-fatti ma tantx jidher illi hemm kontestazzjoni. Irrizulta fil-fatt illi fil-gurnata inkwistjoni inqala' argument bejn l-appellanta u bintha, il-parti leza Amy Bartolo. Dan kien wiehed f'sensila ta' argumenti li apparentement regolarment inqalghu bejniethom ghaliex Amy mhux biss ma tantx tobdi lil ommha u taghmel ta' rasha imma l-agir taghha huwa diskutibbli f'diversi aspetti.

Fl-argument meritu ta' dawn il-proceduri d-diskussjoni bejn l-appellanta u bintha spiccat iddegenerat f'wahda fizika meta l-appellanta fir-rabja illi kellha ikkonfronatata bl-agir ta' bintha hebbet ghaliha u tatha kemm daqqiet ta' ponn, daqqiet ta' sieq u anki daqqiet b'lasta. Amy kellha anke gidma fuq saqajha. Irrizulta ukoll illi waqt li l-appellanta kienet qed taghti dawn id-daqqiet lil Amy dahlet fil-kamra fejn kienu bintha z-zghira (ta' tlett snin) u qaltilha, "Mummy jiena brava." Hawnhekk l-appellanta waqfet tagredixxi lil Amy u telqet 'il barra mid-dar. Amy fl-ebda hin

ma pruvat tirritalja ghall-agir ta' ommha jew ippruvat tiddefendi lilha nnifisha.

Fortunatament dawn is-swat ma kellhomx konsegwenzi serji fis-sens illi rrizulta biss fi tbengil u grif, minbarra l-gidma. Dawn il-griehi fil-fatt gew ikklassifikati bhala griehi ta' natura hafifa mit-tobba li ezaminaw lil Amy, inkluz it-tabib nominat mill-Qorti (ara relazzjoni Dottor Mario Scerri – fol 93).

Ikkunsidrat:

B'sentenza moghtija fl-ghoxrin (20) ta' Gunju tal-elfejn u hdax (2011) l-ewwel Qorti sabet lill-appellanta hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha barra t-tielet akkuza illi minnha lliberatha.

Din il-Qorti però wara li ezaminat fir-reqqa l-provi u l-argumenti li gabu l-ewwel Qorti u l-appellanta fir-rikors tal-appell taghha, issib illi ma tistax taqbel kompletament bir-ragunament tal-ewwel Qorti. Jibda biex jinghad li ghal dak li jirrigwarda l-ksur tal-paci pubblika, dan l-incident gara kollu gewwa d-dar tal-appellanta. Ma sar xejn fil-pubbliku; din id-dar ma kinitx accessibbli ghall-pubbliku u ghalhekk din ir-raba' imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Rigward l-akkuzi l-ohra, l-iktar imputazzjoni serja hija l-ewwel wahda u cioé attentat ta' offiza gravi fuq il-persuna ta' Amy Bartolo. Gustament l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-attentat ta' offiza gravi bhala reat jissussiti u huwa rikonoxxut fil-ligi u gurisprudenza lokali. Però, biex jissussisti l-attentat irid ikun hemm xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà ta' dak li jkun li twaqqaf l-esekuzzjoni tar-reat.

Din il-Qorti jidhrilha illi f'dan il-kaz l-appellanta waqfet volontarjament u mhux ghax kien hemm xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà taghha. Veru illi l-appellanta kienet f'mument emottiv hafna u bir-rabja li kellha tilfet xi ftit il-kontroll. Però l-mument illi bintha kellmitha, l-appellanta waqfet milli tkompli ssawwat lil Amy

u dan ghamlitu volontarjament u mhux ghaliex kien hemm xi hadd illi fizikament zammha milli tkompli bl-agir taghha.

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali li jitkellmu fuq dezistenza volontarja, f'liema kaz, allura, dak li jkun jirrispondi biss ghal dak illi fil-fatt ikun ghamel sa dak il-punt. Peress illi Amy sa dak il-punt irriskontrat biss feriti ta' natura hafifa, allura, l-appellanta trid tirrispondi biss ghal dan u ghal xejn aktar.

Din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti meta qalet illi l-intenzjoni ghall-ferita gravi kienet stabbilita bizzejjed. L-appellanta bdiet tagredixxi lil bintha f'mument ta' rabja u wzat idejha u saqajha u lasta ta' xkupa li nzertat fil-vicin. Veru illi forsi kien hemm eccess ta' dixxiplina, però b'daqshekk ma jfissirx illi l-appellanta kellha xi intenzjoni illi tikkawza ferita gravi lil bintha fil-kuntest tal-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi fuq il-provi li rrizultaw l-appellanta ma kellhiex anqas tinsab hatja tal-ewwel akkuza izda kellha tinstab hatja biss tat-tieni akkuza u cioé offiza hafifa fuq Amy Bartolo u tal-hames akkuza u cioé twiddib barra mill-qies, b'dana illi din l-ahhar akkuza hija assorbita fit-tieni wahda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ma sabitx htija fit-tielet imputazzjoni u fejn sabet htija fuq it-tieni u l-hames imputazzjoni, b'dana illi l-hames imputazzjoni hija assorbita fit-tieni wahda, u tbiddilha fejn sabet htija tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni fejn tiddikjara lill-appellanta mhux hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberaha u tirriforma ukoll in kwantu l-piena fejn flok l-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 ghal tmintax-il xahar, tikkundanna lill-appellanta ghal multa ta' mija u hamsin ewro (€150), oltre tnejn u disghin ewro u sebgha u hamsin centezmi (€92.57c) spejjez tal-perizja mahtura f'dan il-kaz.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------